**Qorti tal-Maġistrati (Malta)**
**Bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali**

**Maġistrat Dr. Donatella M. Frendo Dimech LL.D., Mag. Jur. (Int. Law)**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Anthony Scerri)**

**-vs-**

**Adrian Muscat, detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 0129983M**

***Kumpilazzjoni Numru: 630/2020***

Illum, 25 ta' Lulju, 2022

Il-Qorti,

Rat l-akkużi miġjuba fil-konfront tal-imputat Adrian Muscat u ċioe talli:[1]

F'April 2015 u/jew fix-xhur ta' qabel, fil-kapaċità tiegħu personali u/jew bħala direttur tal-kumpanija 'Waste Collection Ltd (C58428:

1. Bil-ħsieb li jagħmel delitt u ċioe' delitt ta'frodi, ai termini tal-Artikolu 308 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta'Malta, wera dan il-ħsieb b'atti esterni u ta *bid*u għall-eżekuzzjoni ta' dan id-delitt, liema delitt ma ġiex esegwit minħabba xi ħaġa aċċidentali w indipendenti mill-volontà tiegħu, billi għamel falsifikazzjoni f'att awtentiku u pubbliku, jew fi skrittura kummerċjali jew ta' bank privat, b'falsifikazzjoni jew b'tibdil fl-iskrittura jew fil-firem, billi ħoloq pattijiet dispożizzjonijiet jew obbligi foloz jew ħelsien falz minn obbligi, jew billi daħħal dawn il-pattijiet, dispożizzjonijiet, obbligi jew ħelsien minn obbligi f'dawk l-atti jew skritturi wara li kienu ġew iffirmati, inkella billi żid jew *bid*del klawżoli, dikjarazzjonijiet jew fatti, illi dawk l-atti jew skritturi kellhom ikollhom fihom jew kellhom jippruvaw;

[1] Fol.15

2. Kif ukoll talli xjentement għamel użu minn att, kitba jew skrittura falza; (Art 184 tal-Kapitlu 9 tal-Liġijiet ta' Malta).

3. Talli sar reċidiv b'diversi sentenzi mogħtija mill-Qrati ta'Malta liema sentenzi saru definittivi u ma jistgħux jiġu mibdula.

Il-Qorti ġiet mitluba sabiex f'każ ta'ħtija tordna lill-imputat sabiex iħallas l-ispejjeż li għandhom x'jaqsmu mal-ħatra tal-esperti.

Rat il-kunsens ta' l-Avukat Ġenerali sabiex il-każ jiġi trattat bi proċedura sommarja w li l-imputat m'għandu l-ebda oġġezzjoni biex il-każ jiġi hekk trattat.[2]

Semgħet ix-xhieda.

Rat in-noti ta' sottomissjonijiet finali tal-partijiet.

Rat il-fedina penali aġġornata tal-appellant esibita mill-Prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Preliminari

1. Ġaladarba l-imputat fin-nota ta' sottomissjonijiet tiegħu jagħmel riferenza għat-talba ta' rikuża li saret fil-konfront tal-Maġistrat sedenti, il-Qorti tqis li wasal il-mument opportun fejn tista' tesprimi l-ħsibijiet tagħha liberament dwar il-għan tagħha meta fakkret lill-imputat li ammissjoni tista' tiġi reġistrata fi kwalunkwe stadju tal-proċeduri, wara kollox kif jipprovdi l-artikolu 392B tal-Kodiċi Kriminali.

Kif tikkonċedi l-abbli difiża fin-nota minn tagħha[3], dan seħħ hekk kif xehed Joseph Mallia fit-22 ta' Frar, 2021, fejn jikkorrobora dak li Borg dejjem saħqet mal-investigatur (u ċioe li d-dokument in kwistjoni kien ġie falsifikat għaliex hi qatt ma ħarġitu).
Dak li donnu kien nesa l-imputat hu li fil-verbal preċedenti (magħmul minnu anqas minn xahar qabel) propju fl-ewwel seduta, għamel dikjarazzjoni li tolqot propju l-mertu ta' dawn il-proċeduri meta, fl-20 ta' Jannar, 2021, tenna *"li d-*

[2] Fol.18
[3] Fol.185. L-imputat jiddikjara li l-qorti kellha *"reazzjoni istintiva għar-riżultanzi tal-imsemmi rapport"*.

*dokument **X** kien inghata lil Adrian Muscat f'**għaxar** kopji".*[4] Dan meta fl-interrogazzjoni tiegħu l-imputat irrifera biss għall-*reference letter* **waħda** li jgħid li ġabarha mingħand il-Kunsill Lokali ta' Ħal-Lija meta ngħata *cheque!*[5]

Hemm sinifikat ukoll fil-fatt li t-talba għar-rikuża seħħet fit-8 ta' Novembru, 2021 xejn anqas minn 9 xhur wara s-seduta li fiha kien xehed Mallia. Konsiderazzjonijiet fuq dan il-punt huma superfluwi, iżda ikun ferm għaqli li qabel ma jkun hemm lok li jitnisslu dubbji nfondati, wieħed iqis sew jekk għandux jirrinunzja għad-dritt tas-silenzju!

2. B' digriet tal-20 ta' Jannar, 2021,[6] **Dok.MM** esibit minn Marica Mifsud, li jikkontjeni d-dokumentazzjoni kollha relattiva għall-*tenders* li ma ntrebħux u li ġie esibit fiżikament fil-kumpilazzjoni nru 629/2020 fl-ismijiet ***Il-Pulizija vs Marius Muscat***[7]**,** jinsab esibit formalment f'dawn l-atti flimkien ma vera kopja tad-dokument in kwistjoni, **Dok.X**

Ikkunsidrat,

L-imputat hu adebitat b'tentattiv ta' frodi li sar permezz ta' falsifikazzjoni ta' dokument, **Dok.X**[8], l-użu ta' dak id-dokument u li hu reċidiv.[9] L-imputat jiċħad li kien iffabbrika jew għamel użu minn xi dokument iffalsifikat. **Dok.X**[10] ġie sottomess mis-soċjetà Waste Collection Limited, bħala parti minn *tender documentation* lil Kunsill Lokali t'Attard wara sejħa għall-offerti għal servizz ta' ġbir tal-iskart ma din il-lokalita`. L-imputat kien impjegat ma' din il-kumpanija li tagħha missieru kien direttur.[11]

It-*Tender*: **DokMM**[12]

Il-Qorti kellha l-opportunita` tifli d-dokumenti ppreżentati mis-Sinjura Mifsud. Fit-***Tender*** **Document**[13] ppublikat mill-Kunsill Lokali ta' H'Attard**,** jirrizulta li *prospective bidders* kienu mistennija li jkollhom ta' lanqas 5 snin esperjenza kif ukoll jipprovdu dokumentazzjoni li tissostanzja dan sabiex ikunu jistgħu jissostanzjaw dan il-kriterju. Infatti, l-Artiklu 2.3 – *Administrative Criteria*, tat-*tender document* jaqra hekk:

---

[4] Fol.14
[5] Fol.29-30
[66] Fol.13
[7] Vol.II ta' dak il-Proċess. Fol.36 et seq
[8] Fol.135A
[9] Fol.15
[10] Fol.135A
[11] Fol.162
[12] Vol.II a fol.36 et seq fl-atti **Il-Pulizija vs Marius Muscat**, **Dok.MM**
[13] Fol.66 et seq. ta' **Dok.MM**

*Prospective bidders preferably are expected to have at least 5 years relevant experience. Every bidder is obliged to provide sufficient documentation to sustain the experience claimed and must provide a minimum of **one** reference letter[14].*

Il-Qorti setgħet ukoll tinnota diversi *reference letters* li ġew sottomessi minn Waste Collection Limited bħala parti mid-dokumentazzjoni annessa mal-offerta għal dan it-*tender*, fosthom **Dok.X**[15], dik datata s-26 ta' Marzu 2015, suppost maħruġa fuq *'letterhead'* tal-Kunsill Lokali ta' Ħal-Lija w iffirmata minn Georgette Borg fejn tgħid is-segwenti:

***"Subject: Waste Collection Limited***

*The Lija Local Council confirms that the company in subject has performed works and services to out utmost satisfaction and without any Default Notices.*

*The company Waste Collection Limited is also considered as a reliable, timely, well managed, very cooperative, well equipped, knowledgeable, clean and resourceful contractor.[16]"*

Jirrizulta ukoll mid-dokumenti esibiti, li Waste Collection Limited kienet ppreżentat ukoll *reference letters* mill-Kunsill Lokali tal-Belt Valletta (datata 16 ta' Marzu 2015)[17], mill-Kunsill Lokali tas-Siġġiewi (datata 25 ta' Marzu 2015)[18], mill-Kunsill Lokali ta' Ħal-Tarxien (datata 8 ta' Awwissu 2014)[19], mill-Kunsill Lokali ta' San Ġiljan (datata 23 ta' Marzu 2015)[20] u mill-Kunsill Lokali tal-Mtarfa (datata 5 ta' Marzu 2015)[21].

Xiehda

L-**Ispettur Anthony Scerri** spjega lill-Qorti kif l-investigazzjoni dwar dan il-każ għaddiet għandu f' Ottubru 2020, aktar minn ħames snin wara iż-żmien li fih seħħew ir-reati adebitati lill-imputat.[22] Dan il-każ jaf il-*bid*u tiegħu għal kwerela[23] mill-Kunsill Lokali ta' Ħal-Lija fejn ġie allegat li fuq dokument preżentat fl-2015 mill-kumpanija Waste Collection Ltd, *bidder* f'*tender* maħruġ mill-Kunsill Lokali ta' Ħ' Attard, ***"ġiet riprodotta il-firma ta' Georgette Borg,***

[14] Emfasi tal-Qorti, fol 19
[15] Fol.135A ta' **Dok.MM**
[16] Ibid.
[17] Fol.135 ta' **Dok.MM**
[18] Fol.137 ta' **Dok.MM**
[19] Fol.138 ta' **Dok.MM**
[20] Fol.139 ta' **Dok.MM**
[21] Fol.140 ta' **Dok.MM**
[22] Fol.20
[23] **Dok.AS** a fol.26-27

***Karta tal-identità 91057M."***[24] Dan il-fatt sar magħruf b'kumbinazzjoni waqt konversazzjoni nformali li seħħet bejn is-segretarji eżekuttivi tal-Kunsilli Lokali ta' Ħal-Lija, Georgette Borg u dik ta' Ħ' Attard, Marica Mifsud. Minn dak li irriżulta fl-investigazzjoni, Mifsud kienet staqsiet lil Borg għaliex ħarġet *reference letter* lil Waste Collection Ltd. meta kienet tilmenta mis-servizz mogħti minnhom.[25]

**Jonathan Ferris** l-ispettur investigattiv fl-2015, iddeskriva kif wara kwerela li rċieva mill-Kunsill Lokali ta' Ħal-Lija, ħa l-verżjoni ta' Georgette Borg kif ukoll dik ta' Marica Mifsud.[26] Adrian Muscat kien iddikjara li kien ssottometta offerta għal *tender* ppublikat mill-Kunsill Lokali ta' H'Attard, liema *tender* ma rebħux minkejja li l-offerta tiegħu kienet orħos, tant li wasal biex jallega li kien hemm *foul play* fil-proċess.[27] Ferris ikkonferma l-istqarrija tal-imputat meħuda minnu.[28]

Hu hawn fejn tiġi skontrata kontradizzjoni lampanti bejn dak li stqarr Adrian Muscat mal-Ispettur Ferris fejn jitkellem dwar l-ittra fis-**singular**, *"Adrian Muscat pointed out that this letter was given to him in person by Georgette Borg when same went to collect a payment due to him."*, mal-verbal magħmul mid-difiża anke f'dawn l-atti fl-20 ta' Jannar, 2021 meta ġie verbalizzat li d-dokument in kwistjoni, **Dok.X,** *"kien ingħata lil Adrian Muscat f'**għaxar** kopji"*.[29]

Mill-banda l-oħra kif anke jirrizulta mix-xiehda tagħha, Borg minn dejjem **ċaħdet** li qatt intalbet jew iffirmat dak id-dokument.

Stqarrijiet tal-Imputat

Ittieħdu żewġ stqarrijiet tal-imputat, waħda fl-2016 mill-Ispettur Jonathan Ferris[30] u oħra mill-Ispettur Scerri fit-18 ta' Novembru, 2020.[31]

Fl-ewwel stqarrija tiegħu, meħuda fis-6 ta' Ġunju 2016, Adrian Muscat jixhed li hu *car dealer* kif ukoll direttur ta' Waste Collection Limited, kariga li okkupa minn April, 2015. Jammetti li **kien hu li kien imexxi l-kumpanija** ta' missieru liema kumpanija kienet topera fil-ġbir ta' skart u knis ta' toroq fil-kunsilli lokali fejn kienu jinħargu *tenders* għal 4 snin. Jiddikjara li kien ilu jaħdem mal-Kunsill

[24] Fol.20
[25] Fol.21
[26] Fol 113
[27] Fol.113-114
[28] Fol.114. Vide **Dok. AS1** a fol.29-31
[29] Fol.14
[30] **Dok.AS1** a fol.29-31
[31] Stqarrija *Audio visual*, **Dok.AS2** a fol.32 traskritta **Dok.KV** a fol.44 et seq

Lokali ta' Ħal-Lija għal tlett snin u jsemmi kif *"**kont sottomettejt bid ta' tender fis-sena 2015**"* mal-Kunsill ta' Ħ' Attard iżda ma rebħux. L-imputat ikompli li l-Kunsill lokali ta' Ħ'Attard ma riedx li jirbaħ it-*tender* għaliex iffavorixxew il-kompetitur l-ieħor, Mario Vella, *"u b'hekk inħolqot l-iskuża li jiena kont għemizt mad-dokument tiegħi reference letter maħruġa mill-Kunsill Lokali ta' Ħal-Lija li ma kienitx awtentika imma li kienet falza u fuq dan il-punt jien kont ġejt skwalifikat"*. Kompla li kien prużuntuż meta mal-offerta għemeż sitt (6) *reference letters* peress kien hemm bżonn biss ħamsa (5). L-imputat jistqarr mal-Ispettur Ferris, l-uffiċjal investigattiv dak iż-żmien, li kienet propju ċertu Georgette Borg, segretarja tal-Kunsill ta' Ħal-Lija li:

> *"kienet taghtiehli...u dakinhar li kienet tatni din ir-reference letter kienet ukoll tatni pagament....qabel din id-darba kienet tatni reference letters oħra"*[32].

Fit-tieni stqarrija l-imputat jtenni li hu ma kellux għalfejn jannetti xi dokument falz għaliex filwaqt li kienu meħtieġa biss ħames *reference letters* , hu tefa' sitta. Madanakollu minn qari tal-Artiklu 2.3 li saret riferenza għalih aktar il-fuq,[33] jirrizulta biċ-ċar li din hi ħrafa tal-imputat għaliex it-*tender* kien jirrikjedi biss ***reference letter* waħda**. Jerġa joffri din it-teżi bħala difiża tiegħu anke meta jixhed *viva voce,* b'din id-darba korrettament jixhed li ehmeż seba' (7) *reference letters: "Daqshekk. Issa hi talbet waħda, u jien tfajt sebgħa. Kelli għalfejn nagħmel waħda falza?!*[34]*"*.

Fil-fehma tal-Qorti l-imputat kontinwament jgħid li r-*reference letter* mill-Kunsill Lokali ta' Ħal-Lija kienet żejda biex jaħbi l-fatt li l-kumpanija riedet tirbaħ it-*tender* bil-qawwa meta kienet konxju li kien hemm kuntrattur ieħor li dejjem jirbħu hu; għalhekk ehmeż numru ta' *reference letters* bl-iskop li din issaħħaħ il-pożizzjoni tiegħu. Jixhed:

> *"Fuq ta' Ħal Lija qed ngħid; l-istess persuna li qed tiġbor il-borża ta' Ħ'Attard ilu sitta u għoxrin (26) sena jiġborha dejjem hu, għax ħabib tagħha, u tatu t- tender floki bi kwart ta' miljun ewro iżjed fi flus, minn ħalq il-poplu!"*[35]

Irriżulta li kien biss fit-30 ta' Ġunju 2015 li l-imputat inħatar direttur, Chairman u segretarju tal-kumpanija.[36] Itenni li kien hemm *foul-pay* mill-Kunsilli Lokali ta' Attard u Lija biex it-*tender* jirbaħha il-*bidder* l-ieħor li kien ilu jirbaħ *bid*s għall-sitta w għoxrin sena. Jerġa jiddikjara li Georgette Borg kienet dik li tagħtu ir-*reference letter*:

---

[32] Fol.29-30
[33] Paġna 4
[34] Fol.160
[35] Fol.158
[36] Vide xiehda Dr. Claudette Fenech, a fol. 104-106. Form K, **Dok.CF** a fol.108

*"Jien kont nahdem il-Kunsill ta' Hal Lija qatt ma kelli defaults u qatt ma kelli problemi, mort ghand is-Segretarja tlabtha reference letter u tathieli....... Ghax li kieku, naqtalek diskorsok, ha nkun prizuntuz u nghidlek iktar milli qed isaqsini, li kieku dawn qed jghidu li jien iffirmajtha falza kienu jibghatu ghalija quddiem il-pulizija, tigi s-Segretarja ta' Hal Lija ta' dak iz-zmien li jisimha Giorgette, kienet tixhed quddiem il-pulizija f'wicci li lili mhux hi tathieli. Mhux ghax geghlitha s-Segretarja ta' H'Attard tghid hekk. Tigi go wicci u tghid li mhux veru hi tathieli halli mbaghad konna naqalaw lis-Sindku ta' Hal Lija wkoll u jiġi hu wkoll."*[37]

Dwar Georgette Borg jgħid li kienet hi li tagħtu r-*reference letter* flimkien ma ċekk[38]filwaqt li kien hemm okkażjonijiet oħra fil-passat meta għamlitlu *reference letters* sabiex ikun jista' jannettihom ma *tender*s li daħal għalihom, iżda prova ta' dan jew x'sar minnhom ma tinġabx:

*"u Giorgette Borg dik ir-reference letter mhix darba tathieli, tathieli ara għal kemm hafna drabi biex inqieghed got-tender. Jigifieri tathieli kemm il-darba mhux dakinhar biss tathieli. Ghidtilha drabi ohra u tathieli biex inqeghda go tenders ohra. Jigifieri din mhux l-ewwel reference letter li jiena tfajt ta' Giorgette Borg. Kemm il-darba tathieli ghax jien mall-Kunsill ta' Hal Lija qatt ma kelli problemi, kont nitlobha reference letter u ttiehieli."*[39]

**Marica Mifsud,** li lura fl-2015 kienet tokkupa l-kariga ta' Segretarja Eżekuttiva fil-Kunsill Lokali ta' H'Attard, spjegat li dan il-każ jaf l-oriġini tiegħu għall-konversazzjoni każwali li kellha ma Georgette Borg, is-Segretarja Eżekuttiva tal-Kunsill Lokali ta' Ħal-Lija, meta kienu qegħdin jagħmlu eżami flimkien. Tispjega:

*"dakinhar kont qieghda l officju tagħha u waqt li kont hemm hekk konna qieghdin nippreparaw, nghaddu naqra revizzjoni biex naghmlu dan l eżami, hemm kien hemm li skrivana fl istess kamra, u qieghdin jitkellmu fuq il gbir tal iskart [recte] waqt li kont hemm hekk prezenti jiena u awtomatikament qisni staqsejta 'min ghandkom kuntrattur intom?' u is sinjura borg irrisponditni Waste Collection Limited [recte] u ghedtilha 'hawn dik ghamiltli rekomandazzjoni fuqhom' u hi* ***harset lejha u qaltli 'x rakomadazzjoni' u qaltli 'jien ma ghamilt l ebda rekomandazzjoni'****[recte] ..... mort lura l officju wara li lestejt l eżami u talbitni kopja tal karta li kienet fit- tender document tiegħi u dan it tender kien għal* <u>*erbgha snin valur ta 3 mija ħamsa u tlettin elf, tnejn u sitta u disghin* </u>[€335,296][40] *u jiena baghtilha il karta, dak kien prattikament l involviment tiegħi.... kull ma tlabta jiena imbagħad [recte] imma ovjament ridt inkun naf xi proċeduri ha jittiehdu minhabba dan it tender biex just ninforma l evalwaturi."*[41]

---

[37] Fol.50
[38] Fol.51
[39] Fol.52
[40] Fol.34
[41] Fol.33-34

Mifsud ippreżentat *animo ritirandi ring-file* ħamrani li jikkontjeni id-dokumentazzjoni kollha li kienet ġiet preżentata lill-Kunsill Lokali fit-*tender process*, **Dok.MM.**[42] Dan il-*file* jikkontjeni dokumenti relatati ma *tender*s oħra li nħarġu mill-Kunsill fl-istess żmien tat-*tender* in kwistjoni iżda li ma ġewx mirbuħa.

Dwar l-offerta mitfugħa mis-soċjetà tal-imputat Marica Mifsud tgħid: *"Kienu fit tlett envelopes hekk ara kienu pack 1, pack 2, package 3"*.[43] It-*tender* kienet tirrikjedi *"N.B. The Attard Local Council is adopting the 'Three Package' procedure"*[44], filwaqt li x'għandu jkun fih kull *package* hu indikat fl-istess *tender* taħt ***Annex 14***[45].

Il-Qorti rat fliet b'reqqa **Dok.MM**[46] u sabet li d-dokument mertu ta' dawn l-akkużi, **Dok.X**[47] jifforma parti minn *Package 03* intestat *Bid for Tender* – propju kif rikjest skond Annex 14 tat-*tender requirements.* Dan id-dokument datat is-26 ta' Marzu 2015 jinsab f'dak il-*package* skond kif stipulat bit-*tender requirements "Financial proposals are to be submitted ONLY in package three"*.[48]

Dawn ir-rekwiżiti rigorużi, li kellhom jiġu addottati mill-*bidders,* kif ukoll tenut kont ta' kif sar il-proċess tat-*tendering* kif spjegat mix-xhud Marica Mifsud, jimmillita kontra t-teżi tal-imputat tant li jirrendi impossibbli li xi ħadd setgħa jinfilza d-dokument fabbrikat, **Dok.X,** fil-*package* appożitu, bl-iskop biex jagħmel ħsara lill-imputat u dan jispiċċa jitlef it-*tender*!

Fil-fatt mhux talli din l-allegazzjoni tibqa **mhux pruvata** b'xi evidenza mqar sal-grad tal-possibbli, iżda meta jiġu studjati w eżaminati it-tlett *packages* li ġew preżentati mill-kumpanija li kien jiġġestixxi – kif dejjem ammetta l-imputat - jirrizulta propju **l-kuntrarju.** Dan peress li kull wieħed mill-*packages* kienu *bound* bi *spiral/coil binding.* Iktar minn hekk, meta jiġi eżaminat **Dok.MM** li jikkontjeni it-tlett *packages* li ssottometta l-imputat, jidher b'mod ċar u mingħajr lok għal xi dubbju li dawn it-tlett *packages* għandhom il-*perforations* fl-*spinal edge* – fejn jiddaħħal il-*coil spiralling* - jaqblu perfettament ma dawk fuq kull dokument parti mill-*package* relattiv. **Dok.X.** mhux eċċezzjoni w għandu il-*perforations* tal-*spinal column* tiegħu jaqblu mal-kumplament tal-*perforations* tal-*Package 3.*

---

[42] Fol.36 et seq, Vol.II tal-kumpilazzjoni numru 629/2020 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Marius Muscat** *Rejection letters for Tenders awarded in the Year 2015*
[43] Fol.35
[44] Fol.69 ta' **Dok.MM**
[45] Fol.94 ta' **Dok.MM**
[46] Fol.36 et seq ta' **Dok.MM**
[47] Fol.135A f'**Dok.MM**
[48] Fol.69 ta' **Dok.MM**

Magħdud ma dan kollu, meta wieħed iqis li Mifsud tixhed li kull offerta kienet intefgħet fil-kaxxa tal-offerti fil-Kunsill Lokali w inżammet hemm sa meta wasal il-**ftuħ tal-offerti li sar fil-pubbliku**, tali allegazzjoni tkompli tixxejjen.

Ix-xhud tiddeskrivi xi jseħħ wara li toħroġ *tender* u kif jintefgħu l-offerti, u dan ikompli juri kemm it-teżi ventilata mill-imputat hi nieqsa minn kwalunkwe rabta mar-realtà: *"ikun hemm kaxxa fil kunsill lokali immarkata tender box, dawn jitfaw it tenders go fiha, dakinhar li jkun ha jsir, li ghalqu it tenders, jien nohroghom minnha nhallihom maghluqin u imbaghad meta nkun ha niltaqa mal evalwaturi jifthuhom l evalwaturi, jinfethu f gurnata u hin li jkun stabbilit… stabbilit fit tender stess."*[49]. In kontro-eżami, ix-xhud tikkonferma li t-*tender* kien għal ġbir ta' skart domestiku,[50] fejn il-*bidder* kellu jippreżenta *recommendation* waħda[51] iżda l-imputat ippreżenta *recommendations* mill-Kunsilli Lokali tas-Siġġiewi, San Ġiljan, Mtarfa, Belt Valletta, Qormi, Tarxien u Lija. Ġie skwalifikat propju minħabba l-ittra ta' rakkomandazzjoni mill Kunsill ta' Ħal-Lija. Tiddeskrivi kif kien biss b'kumbinazzjoni li sar magħruf li l-ittra, li tidher li nħarġet mill-Kunsill ta' Ħal-Lija, fil-fatt ma kienitx inħarġet u/jew ġiet iffirmata mis-segretarja eżekuttiva ta' dak il-kunsill, Georgette Borg:

> *"Kont qiegħda nagħmel eżami mas- Sinjura Borg .... ... konna qed nitkellmu u qed tgħidli li għandha problemi fuq l-iskart ta' Ħal Lija. Issa, is-Sinjuri kellhom ukoll tender ieħor hemmhekk tal-street sweeping, imma mhux fuq dak, fuq tal- iskart. U l-biċċa tax-xogħol waqfet hemmhekk. Jien mort l-uffiċċju tiegħi u għidt, "ara, ħa nibda niftaħ it-tenders ħa nara x'fihom u ma fihomx." Qbadt id-dokumenti kollha u wasalt għal-letter of references, u bdejt nara, kif għidt inti, ta' Ħal Tarxien, ta' Ħal Qormi, ta' San Ġiljan, u wasalt għal din ta' Ħal Lija. U għidt, staqsejt lili nnifsi, "din ta' Ħal Lija kif għamlitilhom recommendation u fil-ġranet ta' qabel tgorr li mhux qed jagħmlu xogħol sewwa. U ċempiltilha u staqsejtha, **qaltli, "Jien m'għamilt l-ebda recommendation fuq dan tal-iscammel**, tad-domestiku." Qaltli, "Tista' tiktibli?"*[52]

Meta l-abbli difiża tistaqsi lix-xhud dwar kif kien ġara li ġie l-kliem bejn iż-żewġ segretarji eżekuttivi fejn, f'okkażjonijiet u b'mod xejn diskrett, tagħti x'tifhem li Borg xprunat dan l-inċident billi tefgħet dawl fuq din l-ittra partikolari , Mifsud twieġeb mingħajr diffikultà iżda indubbjament offiża b'dak suġġerit:

> *"ma qabditlix l-argument fuq dak biss ta!; konna qed nitkellmu fuq il-knis, konna qed nitkellmu fuq l-iskart il-ġbir ta' skart, fuq il-watering tal-plants, fuq il-ġonna, jiġifieri dan konna qed nitkellmu fuq affarijiet tal-kunsill tagħha u tal-kunsill tiegħi u kif aħna*

[49] Fol.36
[50] Fol.144
[51] Fol.146. Vide Art.2.3 Administrative Criteria fol.69 ta' **Dok.MM**, Vol.II: *"Prospective bidders preferably are expected to have at least 5 years relevant experience. Every bidder is obliged to provide sufficient documentation to sustain the experience claimed and must provide a minimum of one reference letter"*.
[52] Fol.148

*għaddejjin u qamet dan l-issue; ma nara xejn ħażin fiha imbilli nitkellmu!.... Konna qed nitkellmu fuq kollox."*[53]

Mifsud iżid li d-dokumentazzjoni li tiġi sottomessa mill-*bidder*s, tinfetaħ fil-pubbliku, iżda *"imbaghad wara li nara kollox, il-Kunsill jahtar il-bord, il-kunsill jahtar il-bord. Issa jiena rajt dan kollu, bilfors irrid narah"*[54]. Infurmat lis-Sindku dwar dak li kien hemm fit-*tender* u l-bord ma kompliex bl-evalwazzjoni. Tispjega *"dan it-tender fuq parir ta' ċertu wieħed Alfred Triganza ta' Atriga Consult, dan kien fuq il-bord tad- Dipartiment tal-Kuntratti, id-dokumentazzjoni ngħatat kollha lilu, sewwa, u hu ġie lura li ġaladarba dan id-dokument ma kienx konformi u kif suppost, ipoġġi dubbju fuq il-bidder. Hemmhekk waqafna aħna. Hemm waqafna. Ma kompliex ġie evalwat."*. Sussegwentement il-Bord skwalifika lill-kumpanija tal-imputat fuq parir ta' Dr. Alfred Triganza.[55] It-*tender* intrebaħ mill-unika *bidder* ieħor li tefa' l-offerta.[56]

Ix-xiehda ta' Mifsud toffri prova tal-kontinwita` tal-evidenza. Wara li ntefgħet l-offerta fil-kaxxa tat-*tenders* miżmuma il-kunsill lokali[57], kienet l-istess xhud li fetħet il-*bids* għat-*tender*s kollha li nħarġu mill-Kunsill ta' Ħ'Attard, inkluż dik għall-ġbir ta' skart domestiku, it-*tender* in kwistjoni. Dan kien ix-xogħol mistenni minnha sabiex fil-pass suċċessiv il-kunsill ikun jista' jibda l-proċess ta' evalwazzjoni.[58] **Ma irriżulta li kien hemm ħadd aktar ma kellu aċċess għal dawn id-dokumenti.**

**Dok.X**[59]: Dokument Falz

A. Il-Firma ta' Georgette Borg

Iċ-ċaħda immedjata w inekwivoka da parti ta Georgette Borg li ma ffirmatx jew ħarġet **Dok.X**, issib korroborazzjoni fir-riżultanzi tal-espert **Joseph Mallia**, li nħatar sabiex jiddetermina l-awtentiċita` o meno tad-dokument kontestat, **Dok.X:**[60] *"**l-firma li taqra "Georgette Borg"** li tinsab miktuba fil-parti t'isfel xellug tad-dokument X, **hija kopja u ma hiex firma originali**."*.[61] Meta jixhed *viva voce* ikkonferma li l-firma fuq ir-*reference letter* taqbel mal-kalligrafija ta' Georgette Borg kif ukoll mal-firma tagħha. Wara li għamel eżami komparattiv bejn il-firma fuq **Dok.X** u dik ta' Georgette Borg *"irrizulta li din hija **firma kopja** il-*

[53] Fol.153
[54] Fol.150
[55] Fol.151
[56] Fol.152
[57] Fol.36-37
[58] Fol.150-151
[59] Fol.135A tal-Kumpilazzjoni **Il-Pulizija vs Marius Muscat.**
[60] Fol.135A
[61] Fol.76. Rapport esibit bħala **Dok.JM** a fol.62-94

*għaliex irrizultaw hafna pixels....il-firma ghandha l-punti karatteristici kollha li hija ta' Georgette Borg, pero* ***ma hijiex il-firma b'linka originali. Hija firma scanned jew inkella trasferita fuq dak id-dokument,*** *ma hijiex b'linka linka, hija kopja il-għaliex meta giet skenjata, meta giet blowjata hargu dawk il-pixels li jien hemmhekk esebejt komparati wkoll ma' dik il-linka, l-istess linka blue li hija d-dokument X fejn qed nuri isma hekk jigri meta jkun originali u* ***hekk jigri meta tkun firma li hija mhux originali".*** [62]

Meta mistoqsi rigward il-possibbiltà li d-dokument in kwistjoni setgħax ġie *scanned* jew *photocopied* fl-intir tiegħu, Mallia jispjega li l-fatt li ħarġu *pixels* differenti jfisser li **l-firma u l-arma biss kienu ġew *superimposed* jew *scanned:***

> *Difiza: Tista' tikkonkludi b'mod konklussiv li jekk bniedem jaghtik kopja u int pprezentajt photocopy jista' jkun li kien dak il-każ?*
>
> *Joseph Mallia: Jien qed nghid li dik il-firma giet minn photocopy jew haga ohra u* ***dik il-firma ma hijiex originali*** *għall-kwantu ta' dak id-dokument imbaghad għandu badge fuq,* ***għandu l-badge tal-kunsill, meta dik giet imdawwra bid-dawl ukoll, ukoll dehret li ma hijiex first time printing jiġifieri hija bhal firma****. ....* [il-firma] *hija ta' Georgette Borg .... dik ta' Georgette Borg, issa fejn kienet iffirmata ma nafx* [63]**....**
>
> *Difiza: Għalhekk issegwi d-domanda li kont qed nipprova naghmillek jiena fis-sens, li jekk inti ttiehed photocopy jew sar scan ta' dokument li fih pixels suwed u fih pixels tal-kulur, tista' teskludi il-konkluzzjoni li dak ma ttiehedx, kien dokument originali u ttiehed photocopy tiegħu u li qed tezamina huwa l-photocopy ta' xi haga originali, qed teskludiha? Iva jew le?*
>
> *Joseph Mallia: Le le jiena ma nistax neskludi dak il-fatt. Jien li nista' nghid hu, jien li harguli, li nista' nghid hu li harguli pixels li lili qed jghiduli li* ***dak ma huwiex originali, dik il-firma ma hijiex originali****, hekk qed nghid*
>
> ***Qorti:*** *Dottore il-Qorti fehmet bizzejjed. Mhux qed teskludi pero' inti minn dan id-dokumentazzjoni li jidher li ġie super imposed biss kienet l-arma u l-firma*
>
> *Joseph Mallia:* ***Ezatt"*** [64]

Magħdud dan kollu, l-aħjar prova dwar jekk id-dokument kienx fabbrikat jew le, tasal mix-xiehda elokwenti, mexxejja w viżibbilment veritjiera, ġenwina w konvinċenti ta' **Georgette Borg** li twassal lil Qorti tiddetermina, oltre mill-grad rikjest bil-liġi, li **Dok.X qatt ma nħareġ minn din il-mara.**

[62] Fol.54-55
[63] Fol.56-58
[64] Fol.60

**Georgette Borg** spjegat li kienet ilha taħdem il-Kunsill Lokali ta' Ħal-Lija għal ħamsa w għoxrin (25) sena, bl-aħħar erba' snin u nofs fl-irwol ta' Segretarja Eżekuttiva.[65] Tispjega li fit-23 t'April, 2015, intalbet tivverifika jekk *reference letter* sottomessa minn Waste Collection Limited bħala parti minn offerta ta' *tender*, kienitx inħarġet mill-Kunsill Lokali ta' Ħal-Lija u jekk din l-ittra ġietx verament iffirmata minnha. Ix-xhud tixhed li kien biss dakinhar li saret taf b'din l-ittra għaliex **qatt ma kellha xi talba sabiex tagħmel jew tiffirma ir-*reference letter*** in kwistjoni. Kompliet li **fl-ebda ħin ma kienet ffirmat jew ħarġet tali *reference letter*** u kienet iddeċidiet li tiddiskutiha fil-laqgħa tal-Kunsill, fejn ġie deċiż li kellha tagħmel rapport l-mal-Pulizija.[66]

B. L-arma tal-Kunsill Lokali

Borg tinnota dettal ieħor li saret riferenza għalih minn Mallia meta xehed dwar ir-riżultanzi forensiċi dwar **Dok.X** hekk kif ikkonstata li anke **l-arma tal-Kunsill ġiet *superimposed***.

Ix-xhud tkompli li l-istruttura tal-*letterhead* li kien dejjem juża l-Kunsill ma kienx jaqbel mal-istruttura tal-*letterhead* użata fir-*reference letter* in kwistjoni, **Dok.X:**[67]

> *"Id-differenza jiġifieri hawnekk ghandna l-logo u l-indirizz taht… kull meta ghamilt ittra gol-kunsill dejjem ghamilt is-subject, fil-każ ta' din l-ittra r-reference letter ta' street sweeping ghamilt 're: street sweeping cleaning services in Hal-Lija' mentri din l-ittra qeghda li ghandkom intom ukoll regard subject Waste Collection Limited. Speci hu kiteb l-isem taghhom bħala kuntratturi. Xi haga ohra dettall zghir, jien dejjem fuq kull ittra naghmel reference number, l-ittra li hargu huma ma hemmx reference number u issa dik il-firma tixbah lil tiegħi. Jien ha nghid hekk, jien bħala segretarja ezekuttiv kont niffirma kollox, niffirma c-cekkijiet, niffirma ittri, jiġifieri* ***tixbah lil tiegħi pero zgur li hu kkupjata ghax jien dik l-ittra ma ghamiltix .... I would have said services regarding garbage collection mhux l-isem tal-kumpanija***[68] ***…..*** *tistghu tmorru titkellmu mal-kunsill u taraw l-ittri,* ***qatt ma uzajna dak il-logo****. Il-logo dejjem baqa' l-istess u ghadu sal-lum il-mod kif ghamilt jiena hawnhekk"*[69]

Mistoqsija mill-Qorti dwar jekk setgħax xi ħadd stampa **Dok.X** b'dak il-*logo* u għaddiha lix-xhud biex tiffirmaha, hi kategorika w definittiva: ***"No ma jistax ikun għax jien lanqas naf biha, request ma kellix biex issir din l-ittra".***[70]

[65] Fol.95
[66] Fol.96
[67] Fol.135A ta' **Dok.MM**
[68] Fol.98
[69] Fol.100
[70] Fol.102

Ħarsa lejn dokument ieħor maħruġ mill-Kunsill ta' Ħal-Lija bil-firma ta' Borg, fejn m'hemmx kontestazzjoni dwaru hu **Dok.Y.**[71] Dan id-dokument li jikkorrobora w jissostanzja preċiżament dak li tixhed Borg dwar kif kienu jsiru l-*letterheads* mill-Kunsill Lokali. F'dan id-dokument hemm kemm ir-*reference number* u s-suġġett/*subject heading;* żewġ dettalji li huma nieqsa minn fuq **Dok.X**![72]

L-imputat **Adrian Muscat**, għażel li jixhed iżda mal-ewwel nifsijiet tiegħu fuq il-pedana tax-xiehda jinqabad f'gidba hekk meta jgħid li missieru ma kien jaf xejn fuq it-*tender*. Għall-kuntrarju fuq it-*tender documentation* tiffigura f'diversi paġni l-firma u isem missier l-imputat, Mario Muscat.[73] Adrian jixhed li missieru *"ma kien imdahhal fih xejn, tfajtu jien u irrangajt kollox jien"*[74] u *"Jiġifieri t-tender tfajtu jien, imlejtu jien, lanqas jaf x'ġara hu. ... "*[75].

Ikompli bl-allegazzjoni li kienet Georgette Borg li għamlitlu *frame-up*, *"Fuq ta' Ħal Lija qed ngħid; l-istess persuna li qed tiġbor il-borża ta' Ħ'Attard ilu sitta u għoxrin (26) sena jiġborha dejjem hu, għax ħabib tagħha, u tatu t- tender floki bi kwart ta' miljun ewro iżjed fi flus, minn ħalq il-poplu! Jien xtaqt nixhed quddiemha ħa nsaqsiha."*. Fil-fernezija tiegħu biex jinkolpa persuna oħra li għalkemm ttellgħet tixhed baqa ma għamlilha l-ebda mistoqsija fir-rigward u wisq anqas ressaqha bħala xhud tiegħu, jiżloq fin-nixef hekk kif jgħid li Borg, segretarja tal-Kunsill Lokali ta' Ħal-Lija, kienet il-persuna li tgħat it-*tender* ta' Ħ'Attard lill-*bidder* ħabib tagħha! Ikompli li kienet l-istess Borg li għaddietlu r-*reference letter* li rriżultat fabbrikata:

> *"Georgette tathieli dik. ... Georgette tathieli. .... Jien mort il-kunsill ta' Ħal Lija niġbor iċ-ċekk ta' kull xahar u kif mort niġbor iċ-ċekk lil Georgette ġiegħltha tagħmilli r-reference letter u għamlithieli. Kieku kienet falza ma kellix għalfejn inqiegħda, għax hi talbet waħda, u jiena għamilt sebgħa! Hi l-problema qalgħetha! Iffalsifikat il-karta biex lili taqlagħni 'l barra u x-xogħol ittih lil Adrian Vella, li għamlet sebgħa u għoxrin (27) sena ttihulu. Bi kwart ta' miljun ewro kull sentejn."*[76]

Sekondi wara jwaħħal f'Mifsud, is-segretarja tal-Kunsill Lokali ta' H'Attard:

> *"Ix-xhud: it-tender fetħitu Marika, x'bagħbsu huma u x'bagħbset hi fil-karti u għaffġu huma, jaraw huma; jien tfajt ir-reference letter li tatni Georgette; ma kellix għalfejn ibagħbas reference letters.*
> *Il-Qorti: Jiġifieri inti qed tgħid Georgette taghtek reference letter li kienet ġenwina.*

[71] Fol.144 ta' **Dok.MM**
[72] Fol.135A ta' **Dok.MM**
[73] Fol.84 -86, 92-93, 97, 98, 134 u 165
[74] Fol.156-157
[75] Fol.156
[76] Fol.158

*Ix-xhud:* *Iva, maċ-ċekk.*
*Il-Qorti:* *Maċ-ċekk.*
*Ix-xhud:* *Maċ-ċekk. Kieku kont nitfa' sitta mhux sebgħa. ....*
*Difiża:* *qabel waħħaltha, ittawwaltilha inti din, flejtha?*
*Ix-xhud:* *Le. Ħa noqgħod nifli! Jiena qbadt ftaħtha mill-envelope, waħħaltha ma' tal-oħrajn, ma' tal-Belt, ma' tal-Imtarfa, u tfajthomlha.*
*Difiża:* *Daqshekk.*
*Ix-xhud:* *Daqshekk. Issa hi talbet waħda, u jien tfajt sebgħa. Kelli għalfejn nagħmel waħda falza?!*[77]*"*

In kontro-eżami jikkonferma li r-*recommendation letter* li għaddietlu Georgette Borg ġiet mehmuża mat-*tender.* Madanakollu baqa ma kkonferma <u>l-ebda waħda</u> mir-*reference letters* kollha li jinsabu preżentati mal-offerta:

*"Ix-xhud:* *Jien, il-karta ta' Ħal Lija li ippreżentajt m'inhix qed nikkonferma li hija dik.*
*Pros:* *Mela ħa ngħidlek domanda allura qegħdin hawnhekk. Tikkonferma li l-karta ta' Ħal Tarxien jew ta' xi kunsill ieħor hija li ippreżentajt inti?*
*Ix-xhud:* *Le, ma nikkonferma l-ebda waħda għax ... ... ...*
*Pros:* *mela m'għamilt xejn inti allura!*
*Il-Qorti:* *Jiġifieri lanqas it-tender m'inti tikkonferma li ippreżentajtu?*
*Ix-xhud:* *It-tender iva.*
*Pros:* *Eh, <u>it-tender iva u l-karti le!</u>*
*Ix-xhud:* *Imma l-karti ma nibqax nagħrafhom"*[78]

Ikkunsidrat,

Imiss issa li jiġu kunsidrati l-provi li jirriżultaw mill-atti:

1. Dwar il-kumpanija Waste Collection Ltd. l-imputat jammetti li l-kumpanija minn dejjem kienet tiegħu imma *"kont għamiltha fuq missieri, imbagħad kont dawwartha minn fuq missieri għal fuqi, jiġifieri dejjem **jien kont responsabbli għaliha** l-kumpannija".*[79]

   Ovvjament l-imputat m'għandux inibizzjonijiet biex <u>jiżvija</u> lill-awtoritajiet, u juru ħaġa b'oħra!
2. L-imputat jammetti li kien hu **tefa' it-*tender*** w li **ehmeż ir-*reference letters*** li, skond hu, ilkoll kienu ġenwini:

[77] Fol.160
[78] Fol.161
[79] Fol.47

*"fl-ebda hin m' ghamilt firem jien jew kelli ghalfejn naghmel xi firem, .... dik fit-tender kelli miktub li jrid ikollok ħamsa, issa* ***jien tfajt*** *sitta reference letters. .....B' ħamsa kont diga' qieghed by the book nista* ***nittenderja****, ..." [80].*

*"Jien ir-reference letters li kelli kollox minn Kunsilli Lokali ewlenin, ..... inti ccempel lil Kunsill jew jibghatulek jew tmur tigbru, issa f' dak il-kaz jekk minix sejjer zball ta' ħames snin ilu kont mort il-Kunsill Lokali ta' Hal Lija nigbor cekk, jekk minix sejjer zbaljat dejjem, u mac-cekk tatni reference letter.* ***U jien ir-reference letter qedtha fit-tender. .....*** *r-reference letter kienet tathieli Giorgette, minghalija hekk kien jisimha s-Segretarja ta' dak iz-zmien ghax lanqas ghadha, u jien* ***ghamiltha got-tender[81].***

[it-tender] ***"tfajtu jien u irrangajt kollox jien[82]....... Jiġifieri t-tender tfajtu jien, imlejtu jien,. ... "[83].***

3. **Dok.X[84]** hi r-*reference letter* li suppost inħarġet mill-Kunsill Lokali ta' Ħal-Lija li ġiet preżentata bħala parti mit-*tender documentation* mill-*bidder* Waste Collection Limited. Tifforma parti minn *Package 03* intestat *Bid for Tender* u hi datata is-26 ta' Marzu 2015.

4. It-*tenders*[85] kellhom jiġu mitfugħa sas-17 t'April 2015[86] w għalhekk it-tfigħ tal-offerta seħħet xi żmien bejn il-ħruġ tat-*tender* fl-10 t'April, 2015[87] u l-għeluq tagħha fis-17 t' April, 2015. Għalhekk iż-żmien tal-kommissjoni tar-reat kif adebitat fl-imputazzjoni hu korrett.

5. L-ispettur Scerri jispjega kif fuq **Dok. X**

*"ġiet riprodotta il-firma ta' Georgette Borg, Karta tal-identità 91057M[88] ... L istess Georgette ċaħdet telefonikament u qalet lil Marica li hija ma kinitx iffirmat l ebda dokument ta dak it tip. Giet mitkellma ukoll Marica Mifsud li kienet is segretarja tal kunsill lokali ta H' Attard fejn ikkolaborat [recte ikkorroborat] dak kollu li kienet qalet Georgette Borg u setghat tghid li hija meta kienet rat din l ittra li kienet prezentata min Waste Collection Limited lil Kunsill Lokali ta H attard hija mill ewwel*

[80] Fol.45-46
[81] Fol.46
[82] Fol.156-157
[83] Fol.156
[84] Fol.135A ta' **Dok.MM**
[85] Fol.179 ta' **Dok.MM**; **ALC02/15**: *Collection of Household and Commercial Waste in an Environmentally Friendly Manner.*
[86] Fol.66, 179 ta' **Dok.MM**
[87] Fol.92, 98 ta' **Dok.MM**
[88] Fol.18

*qamilha suspett minhabba l fatt li kienet identika kelma b kelma mar reference letter ohra li kien hemm mehmuża fl istess tender u li kienet ħarġet mill kunsill lokali tal Belt Valletta.*[89]

Hekk hu! **Dok.X** jirriproduċi kelma b'kelma tal-ittra maħruġa mill-Kunsill tal-Belt u dan inkluż il-grammatika u *synthax* b'kollox![90]

6. Dan il-fatt dwar l-ittra fabbrikata sar magħruf b'kumbinazzjoni waqt konversazzjoni nformali li seħħet bejn is-segretarji eżekuttivi tal-Kunsilli Lokali ta' Ħal-Lija, Georgette Borg u dik ta' Attard, Marica Mifsud. Borg ċaħdet li ffirmat din l-ittra tant li kienet tilmenta mis-servizz ta' din il-kumpanija.[91]

   Georgette Borg tiddikjara hekk dwar din ir-*reference letter*: "***Qatt ma ġiet mitluba minni** u nista' nahseb għaliex ha nghid hekk. Is-servizz ma kienx tajjeb"*[92]. Dwar il-firma tgħid *"tixbah lil tiegħi pero **zgur li hu kkupjata ghax jien dik l-ittra ma ghamiltix** .... I would have said services regarding garbage collection mhux l-isem tal-kumpanija*[93] ***.....** tistghu tmorru titkellmu mal-kunsill u taraw l-ittri, qatt ma uzajna dak il-logo."*[94]

   Mistoqsija mill-Qorti fuq jekk setgħetx ġiet stampata l-ittra **Dok.X** b'dak il-*logo* w din ġiet mgħoddija lilha biex tiffirmaha, twieġeb ***"No ma jistax ikun għax jien lanqas naf biha, request ma kelliex biex issir din l-ittra".***[95]

7. Fid-dokumentazzjoni *About Us: The Company* insibu *"**The Company is manged by Mario Muscat share holder and director".***[96] Mario Muscat hu missier l-imputat. Estratt mehmuż mill-istess imputat mal-offerta tiegħu hu dokument datat it-**3 ta' Marzu, 2015** maħruġ mir-*Registrar of Companies* li fih hemm dikjarat: *"According to our records the present shareholder of the company is: Mario Muscat (Maltese I.D. Card No. 665858M)....**The present director of the company is: Mario Muscat (Maltese I.D. Card No. 665858M)".***

---

[89] Fol.19.
[90] Fol.135 ta' **Dok.MM**
[91] Fol.19
[92] Fol.302
[93] Fol.302-303
[94] Fol.305
[95] Fol.307
[96] Fol.159

8. L-allegazzjoni tal-abbli difiża li **Dok.X** ġie inserit b'malizzja biex jelimina l-offerta ta' Waste Collection Limited, ma ssibx komfort f'xi farka ta' prova. Donnu nesa l-imputat li kien hu li ssottometta id-dokumentazzjoni, u li dawn kienu mitfugha f'kaxxa tal-offerti wara li kull *package* kien sarlu *spiral binding.* Sussegwentement infetħu fil-**pubbliku.**

   Di fatti **Dok.X** tinsab f'dik is-sezzjoni ta' *Package 3* intestata ***"Evidence attached: Local Council references and copy of contracts".***[97] Iktar ta' rilevanza hu li fuq din l-istess paġna li sservi ta indiċi hemm il-firma ta' missier l-imputat. Ma nġabet l-ebda prova li tibda biex tipprova li xi ħadd irnexxielu joħroġ l-offerta mill-kaxxa, jneħħi l-*spiral binding,* jinserixxi **Dok.X**, jerġa jgħaqqad id-dokument u bil-moħbi ta' kulħadd jerġa jitfgħu fil-kaxxa tal-offerti li tinżamm fil-Kunsill Lokali. Kwalunkwe tentattiv intiż li implika lil Borg u Mifsud f'att ta' korruzzjoni simili jirriżenta l-kalunja.

9. Tant ma jagħmilx sens dak li jipprova jiġi allegat mill-imputat, li meta jiġu eżaminati l-*perforations* tal-*spiral binding* tal-*packages* preżentati mal-offerta tal-imputat, il-*perforations* fuq l-*spinal column* li minnhom tgħaddi l-*coil* jaqblu b'perfezzjoni mal-kumpliment tad-dokumenti f' *Package 3.*

10. Hawn għandha terġa issir riferenza għaċ-ċaħda inekwivoka ta' Georgette Borg li setgħet ffirmat tali dokument. Għall-kuntrarju Borg tiddikjara li qatt ma ġara hekk propju għaliex dik l-ittra **hi qatt ma ħarġitha w ħadd qatt ma talabha toħroġha.**

11. Dan ikompli jsaħħaħ ir-riżultanzi tal-espert Joseph Mallia li sab li meta eżamina **Dok.X**[98] ikkonkluda:

    > *"**l-firma li taqra "Georgette Borg"** li tinsab miktuba fil-parti t'isfel xellug tad-dokument X, **hija kopja u ma hiex firma oriġinali**."*[99]

12. Gambetta oħra li jieħu l-imputat fl-isforzi tiegħu biex jitbiegħed minn **Dok.X** hu li filwaqt li mal-ispettur Ferris semma li hemm *foul play* meta **Dok.X** ġie inserit fl-offerta biex jiġi imminat l-imputat,[100] inspjegabbilment fil-bidu ta' dawn il-proċeduri isir verbal, fl-20 ta'

[97] Fol.134
[98] Fol.135A
[99] **Dok.JM** a fol. 267-299
[100] Fol.318-319

Jannar, 2021, fejn ġie dikjarat li **Dok.X**, *"kien inghata lil Adrian Muscat f'għaxar kopji"*.[101]

13. Madankollu tul il-proċeduri la jsir magħruf fejn marru dawn il-kopji w wisq anqas baqgħet ma inġabet lanqas kopja waħda li hi waħda minnhom. *Multo magis* ma nġieb l-ebda xhud bl-iskop li jikkorrobora dan il-fatt!

    Għall-kuntrarju l-Qorti hi rinfaċċjata bit-testimonjanza ta' Borg fejn b'determinazzjoni w b'ċertezza tul id-depożizzjoni kollha tagħha tisħaq li hi **ma harget ebda ittra** simili w għaldaqstant **tikkontradixxi** din id-dikjarazzjoni magħmulha mid-difiża b'mod assolut!

14. Irid jiġi rilevat li l-każ tad-difiża ma jiġix pruvat b'verbali jew b'allegazzjonijiet u tfigħ ta' suspetti u teżijiet ipotetiċi. **Id-difiza ma ssirx hekk!**

    Fil-każ in deżamina d-difiża naqset milli tressaq xi prova mqar sal-grad tal-possibbli biex ixxejjen il-każ tal-prosekuzzjoni, *multo magis* sal-grad tal-probabbli.

    Ma tinġieb l-ebda evidenza dwar kif seta' jkun hemm *foul play* meta, kif tixhed Mifsud, l-offerti ntefgħu f'kaxxa li tibqa l-kunsill lokali fejn infetħu biex jiġu proċessati mill-evalwaturi f'ġurnata w ħin stabbilit li fih jattendi l-pubbliku.[102] Mifsud xehdet kif f'waħda mill-laqgħat relatati mat-tender lemħet lill-imputat; evidenza li kollox sar fil-pubbliku. *"Niftakar wiehed jiena is sur muscat Adrian …Kien prezenti waqt laqa tal kunsill minnhom "*.[103]

15. Lanqas ma nġabu provi li jissostanzjaw l-allegazzjoni pjuttost kjarament in *mala fede* magħmulha mill-imputat u ċioe li Borg għaddiet dokument fabbrikat lill-Waste Collection Ltd. jew li Mifsud sostitwiet ir-*reference letter* ġenwina ma waħda fabbrikata.

16. Iżda l-aqwa prova li tkisser irreparabbilment it-teżi difensjonali tal-imputat hi l-*covering letter*/indiċi li tagħmel riferenza għal ***"Evidence attached: Local Council references and copy of contracts"*** [104] iffirmata

[101] Fol.12
[102] Fol.33
[103] Fol.37
[104] Vide **Dok.MM** a fol. 134

mill-imputat Marius Muscat għal Waste Collection Ltd. fejn waħda minn dawn il-Local Council references tinkludi **Dok.X**!![105]

17. Il-Qorti rat u semgħet ix-xiehda ta' Borg u Mifsud kif ukoll tal-imputat. Rat il-komportament seren taż-żewġ nisa anke meta rinfaċċati b'allegazzjonijiet u b'insinwazzjonijiet koroħ. Tfigħ ta' tajn biss u xejn aktar, lanqas nitfa ta' prova! Ix-xhieda tagħhom ċertament għandha mis-sewwa u l-Qorti ser tistrieħ fuqha bħala waħda veritjiera.

**18.** Mill-banda l-oħra quddiem il-Qorti l-imputat deher viżibbilment konfuż, xejn aġevolat meta mitlub jidħol f'aktar dettal dwar dak li kien qed jixhed. Hi xiehda li m'għandhiex mis-sewwa, fabbrikazzjoni ta' moħħ fertili li jrid jevadi l-konsegwenzi ta' għemilu. Xiehda li ma ssib komfort imkien la minn xi prova u wisq anqas mil-loġika w is-sens komun. Jiddefendi lilu nnifsu billi jakkuża lill-kwerelanti u terza persuna!

19. Għaldaqstant il-Qorti ma ssib l-ebda eżitazzjoni jew diffikultà biex temmen li kien biss sforz ta' **inċident fortwit** li sar magħruf li **Dok.X**[106] kien ġie fabbrikat.

20. Ħadd ma setgħa jipprevedi li kellha tkun konversazzjoni inokwa w b'kumbinazzjoni li wasslet sabiex inkixef l-ingann ta' **Dok. X.** Din ir-*reference letter* ħarġet fil-beraħ sforz ta' laqgħa każwali bejn dawn in-nisa. Ħadd ma seta' jobsor li kien ser jiġi kliem fuq il-ġbir ta' skart fit-toroq ta' Ħal-Lija waqt eżami. Ħadd ma seta' jipprevedi kif kellhom iseħħu l-affarijiet u hu preċiżament li l-verżjoni tal-imputat ma tagħmilx sens u ċioe li Georgette Borg tagħtu dokument falz għaliex inbeda kollox b'domanda ta' Marica Mifsud:

> *".... qieghdin jitkellmu fuq il gbir tal iskart [recte] waqt li kont hemm hekk prezenti jiena u awtomatikament qisni staqsejta 'min ghandkom kuntrattur intom?' u is sinjura borg irrisponditni Waste Collection Limited [recte] u ghedtilha 'hawn dik ghamiltli rekomandazzjoni fuqhom' u hi* ***harset lejha u qaltli 'x rakomadazzjoni' u qaltli 'jien ma ghamilt l ebda rekomandazzjoni'****[recte] ....."*[107]

[105] Fol.135A
[106] Fol.135A
[107] Fol.34

21. Fl-istqarrija tiegħu Adrian Muscat jasal jallega li seħħet konfoffa kontra tiegħu biex ma jirbaħx it-*tender* miż-żewġ segretarji eżekuttivi, u dan mingħajr ebda prova fir-rigward

> *"Georgette tathieli dik. ... Georgette tathieli. .... Jien mort il-kunsill ta' Ħal Lija niġbor iċ-ċekk ta' kull xahar u kif mort niġbor iċ-ċekk lil Georgette ġiegħltha tagħmilli r-reference letter u għamlithieli. Kieku kienet falza ma kellix għalfejn inqiegħda, għax hi talbet waħda, u jiena għamilt sebgħa! Hi l-problema qalgħetha! Iffalsifikat il-karta biex lili taqlagħni 'l barra u x-xogħol ittih lil Adrian Vella, li għamlet sebgħa u għoxrin (27) sena ttihulu. Bi kwart ta' miljun ewro kull sentejn."*[108]

Jallega li Georgette Borg ħadmet ma Marica Mifsud biex itellfuħ t-*tender*. Madanakollu jiddikjara li hu qatt ma kellu problemi ma Borg. B'hekk **jimmina t-teżi tiegħu stess** u ċioe li Borg għażlet li tidhol f'konfoffa mas-segretarju t'Attard biex hu ma jirbaħx it-*tender*. Baqa ma ntweriex għaliex Borg kellha għalfejn tagħmel vendikazzjoni simili lill-imputat; tant tagħmillu ħsara li setgħet twasslu fuq l-għatba tal-ħabs meta hu stess jgħid li <u>problemi bejniethom ma kienx hemm xejn</u>. *Multo magis* ma dan kollu jagħmilx sens meta jiġi mfakkar li Borġ meta hi kienet segretarja tal-Kunsill ta' Ħal-Lija w it-*tender* kienet maħruġa mill-Kunsill ta' <u>Ħ' Attard</u>! Aktar l-quddiem fix-xiehda tiegħu ibiddel il-verżjoni u jakkuża lil Mifsud li riedet issallbu.[109]

**22.** Tali allegazzjonijiet da parti tal-imputat jsiru aktar odjużi tenut kont li sa minn meta sar jaf bl-allegazzjonijiet sal-mument li ntemmu dawn il-proċeduri, naqas milli jressaq farka ta' prova biex jissostanzja l-allegazzjonijiet serjissimu tiegħu! Bid-dikjarazzjonijiet minn tiegħu, aktar milli wera li kien hemm xi konfoffa bejn Borg u Mifsud kontrih, dak li jgħid anke taħt ġurament jirriżenta il-<u>kalunja</u>.

Li kieku verament l-imputat jemmen f'dak li allega, ċertament ma kienx ser joqgħod lura milli jitlob riżarċiment permezz ta' kawża ***"Le, ma ftaħtx. Le. ...Ma kellix għalfejn niftaħha"!***[110] Jekk mhux ukoll jitlob l-investigazzjoni ta' dawn iż-żewġ nisa!

Ma sar xejn minn dan sa mill-2016 propju għaliex l-imputat hu <u>konxju tal-innoċenza</u> ta' dawn iż-żewġ persuni!

---

[108] Fol.158
[109] Fol.159
[110] Fol.159

23. Diskrepanza oħra li emanat tul iż-żmien kienet dwar l-ammont ta' *reference letters* li ngħatawlhu minn Borg. Fl-istqarrija meħuda minn Ferris kif ukoll meta xehed *viva voce* l-imputat dejjem tenna li Borg għaddietlu *reference letter* meta mar jiġbor cekk mill-Kunsill.[111] Jitkellem fuq *reference letter* **waħda** fis-**singular.**

Madanakollu kif ġa sar aċċenn fil-punti preliminari ta' din is-sentenza, fl-ewwel seduta miżmuma nhar l-20 ta' Jannar 2021 l-abbli difiża tivverbalizza li **Dok.X** *"kien ingħata lil Adrian Muscat f'**għaxar** kopji"*.[112]

24. Tant id-dikjarazzjonijiet tiegħu huma biss duħħan, li għalkemm tenna li lest iġib kopji ta' dawn ir-*reference letters*, jabdika minn din il-wegħda u jistenna li l-Qorti taċċetta tali allegazzjonijiet bħala difiża minn tiegħu mingħajr ombra ta' xi prova li tibda biex timmilita favur tiegħu. Minflok meta jsib ruħu maqbud fi sqaq li ffabbrika hu stess jibda **jfajjar akkużi bl-addoċċ kontra żewġ nisa li huma *defenceless!***

25. Hu hawn li l-imputat għandu jiġi mfakkar li fil-kamp penali, allegazzjonijiet iridu jiġu ppruvati, fil-każ tal-imputat sal-grad tal-probabbli. Fejn ikun hemm dan in-nuqqas, tali nuqqas ma jista' qatt jiġi sostitwit bl-impressjoni li persuna jista' jkollha jew bil-fidi. Kif dikjarat mill-Qorti tal-Appell Kriminali:

> Ma huwiex il-każ, illi fejn ikun hemm nuqqas dak in-nuqqas ikun sostitwit bl-impressjoni, jew il-fidi. Huwa fir-reliġjon biss li jingħad "praestet fides supplementum senssum defectui", iżda mhux fl-awla tal-provi u del resto fi proċeduri penali.[113]

Ikkunsidrat,

**L-ewwel Imputazzjoni**

Jingħad mill-ewwel li din l-imputazzjoni hi waħda b'lokuzzjoni ibrida fejn għal xi raġuni l-prosekuzzjoni nisslet reat ġdid meta għaqdet it-tentattiv ta' frodi esklussivament mar-reat ta' falsifikazzjoni.

B'din l-imputazzjoni qed jiġi prospettat li kienet esklussivament il-falsifikazzjoni nnifisha li serviet bħala mezz ai fini għar-reat ta' frodi, mingħajr ma ttieħed in konsiderazzjoni li l-mezz kien l-użu tad-dokument falsifikat.

[111] Fol.29-30
[112] Fol.14
[113] Per Onor. Imħallef Dr. Edwina Grima, **Il-Pulizija vs Dustin Bugeja**, Deċiża 25 ta' Frar, 2016

F'dan il-każ hemm mankanza assoluta ta' provi li jwasslu lill-qorti tiddetermina li kien l-imputat li għamel din il-falsifikazzjoni. Ġaladarba ma ġiex pruvat sal-grad rikjest li l-imputat għamel il-falsifikazzjoni, l-imputat ma jistax jinstab ħati ta' din l-imputazzjoni.

**It-Tieni Imputazzjoni**

Fid-dawl tar-riżultanzi proċesswali li għadha kemm saret riferenza għalihom, m'hemmx dubbju li l-imputat kien konsapevoli tal-fatt li r-*reference letter* li ehmeż mal-offerta tiegħu għat-*tender* maħruġ mill-Kunsill Lokali ta' Ħal-Lija kienet waħda fabbrikata. Borg tiċħad li tagħtu dak id-dokument.

Minn naħa l-oħra hu jammetti li kien hu li annettiha mal-offerta: *"**U jien ir-reference letter qedtha fit-tender. .....** r-reference letter kienet tathieli Giorgette, minghalija hekk kien jisimha s-Segretarja ta' dak iz-zmien ghax lanqas ghadha, u jien **ghamiltha got-tender**[114]* ...[it-tender] ***tfajtu jien u irrangajt kollox jien**[115]**.......** **Jiġifieri t-tender tfajtu jien, imlejtu jien**,. ... "*[116].

Fid-dawl ta' din l-ammissjoni magħdud mal-provi miġjuba l-quddiem, il-prosekuzzjoni irnexxilha tipprova t-tieni imputazzjoni adebitata lill-imputat.

Il-Qorti ma ssib l-ebda raġuni għaliex għandha tissuspetta li Mifsud u/jew Borg għamlu azzjoni daqshekk krudili w gratwita fil-konfront tal-imputat, aktar u aktar meta l-imputat stess jammetti li dejjem mexa sew mal-Kunsill Lokali ta' Ħal-Lija; tant li kien hemm okkażjonijiet fil-passat li fihom Georgette Borg kienet tagħtu *reference letters*.

**It-Tielet Imputazzjoni: Reċidiva**

Din l-imputazzjoni baqgħet ma ġietx pruvata w għalhekk l-imputat qed jiġi liberat minnha.

[114] Fol.46
[115] Fol.156-157
[116] Fol.156

**PIENA**

Illi l-piena għar-reat kontemplat bl-artikolu 184 hi dik ta' bejn tlettax il-xahar w erba' snin priġunerija. In konsiderazzjoni tal-piena il-Qorti qieset in-natura tar-reat li qed tinstab ħtija dwaru, il-fatt li l-imputat mhux xi *first time offender* kif tixhed il-fedina penali mżewwqa tiegħu w taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ.

Konsiderazzjoni oħra hi li l-għemil tal-imputat kien xprunat minn prospetti ta' lukru fejn l-ammont tat-*tender* kien dak ta' €335,296 fuq medda ta' erba snin jew aħjar €83,824 fis-sena.[117] Kien l-imputat li kellu l-akbar rwol fil-qerq pperpetrat meta mat-*tender* li tefgħet il-kumpanija ta' missieru ehmeż dokument ffalsifikat.

Il-Qorti mbagħad ma tistax ma tieħux nota ta dak li jixhed Jonathan Ferris in kwantu għall-fatt li għalkemm l-imputazzjonijiet jirrisalu għal 2015, l-imputati tressqu quddiem il-Qorti xejn anqas minn ħames snin wara. Ferris xehed kif temm l-investigazzjoni tiegħu qabel Ottubru 2016: *"dan il-file kont ghaddejtu wkoll lis-Supretendent Ian Abdilla, jigifieri jekk issaqsu ghalfejn id-dewmien..."*. Dan it-trapass ta' żmien, li fil-kamp penali qatt ma jista' jiġi ġustifikat, għandu jiġi rifless fil-piena erogabbli. Fiċ-ċirkostanzi piena karċerarja ma tkunx waħda ġustifikata minkejja is-serjetà tal-għemil tal-imputat li qed tinstab ħtija dwaru.

**DECIDE**

Għal dawn il-motivi, il-Qorti wara li rat l-artikolu 184 tal-Kodiċi Kriminali filwaqt li ssib l-imputat ħati tat-tieni imputazzjoni limitatament fil-kapaċità personali tiegħu, tilliberah mill-imputazzjonijiet l-oħra kollha, u tikkundannah għall-**tnejn** u **għoxrin (22) il-xahar priġunerija** li bl-applikazzjoni tal-Artikolu 28A tal-Kodiċi Kriminali qed jiġu sospiżi għal sentejn (2) u nofs mil-lum.

Bl-applikazzjoni ta' l-artikolu 533 tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, qegħda tordna lill-imputat iħallas l-ammont ta' **€299.10c** rappreżentanti l-ispejjeż peritali.

**Dr. Donatella M. Frendo Dimech LL.D., Mag. Jur. (Int. Law)**
**Maġistrat**

[117] Fol.30-31 u fol. 85-86